Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B ►C1 **REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 174/2005**

tal-31 ta' Jannar 2005

li jimponi restrizzjonijiet dwar il-forniment ta' assistenza relatata ma' attivitajiet militari lill-Côte d'Ivoire ◄

(ĠU L 333M, 24.2.2009, p. 1019)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1209/2005 tas-27 ta' Lulju 2005	L 322M	75	2.12.2008
►**M2**	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 ta' l-20 ta' Novembru 2006	L 352M	629	31.12.2008
►**M3**	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1032/2010 tal-15 ta' Novembru 2010	L 298	1	16.11.2010

Ikkoreġut minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 51M, 24.2.2009, p. 459 (174/2005)

▼B
▼C1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 174/2005

tal-31 ta' Jannar 2005

li jimponi restrizzjonijiet dwar il-forniment ta' assistenza relatata ma' attivitajiet militari lill-Côte d'Ivoire

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 60 u 301 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2004/852/PESK tat-13 ta' Diċembru 2004 dwar miżuri restrittivi kontra l-Côte d'Ivoire [1],

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fir-Riżoluzzjoni 1572 (2004) tiegħu tal-15 ta' Novembru 2004, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, waqt li jaġixxi skond il-Kapitolu VII tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, u waqt li jikkundanna l-bidu mill-ġdid ta' l-ostilitajiet fil-Côte d'Ivoire u l-vjolazzjonijiet ripetuti tal-ftehim għall-waqfien mill-ġlied tat-3 ta' Mejju 2003, iddeċieda li jimponi ċerti miżuri restrittivi kontra l-Côte d'Ivoire.

(2) Il-Pożizzjoni Komuni 2004/852/PESK tipprevedi l-implimentazzjoni tal-miżuri mniżżla fir-Riżoluzzjoni 1572 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU (UNSCR), inkluż projbizzjoni fuq assistenza teknika u finanzjarja relatata ma' attivitajiet u tagħmir militari, li jista' jiġi wżat għal ripressjoni interna.

(3) Din il-miżura taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat u, għalhekk, sabiex tiġi evitata kwalunkwe distorsjoni tal-kompetizzjoni, tinħtieġ leġislazzjoni Komunitarja biex timplimentaha sa fejn il-Komunità hija kkonċernata. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, it-territorju tal-Komunità hu meqjus li jħaddan it-territorji ta' l-Istati Membri li għalihom it-Trattat hu applikabbli, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dak it-Trattat.

(4) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1) "assistenza teknika" tfisser kwalunkwe sostenn tekniku relatat ma' tiswijiet, żvilupp, manifattura, muntaġġ, ittestjar, manutenzjoni, jew kwalunkwe servizz tekniku ieħor, u jista' jieħu forom bħal istruzzjoni, pariri, taħriġ, trasmissjoni ta' tagħrif prattiku jew ħiliet jew servizzi ta' konsulenza; assistenza teknika tinkludi forom verbali ta' assistenza;

2) "Kumitat tas-Sanzjonijiet" tfisser il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti li kien stabbilit skond il-paragrafu 14 tar-Riżoluzzjoni 1572 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU (UNSCR).

[1] ĠU L 368, 15.12.2004, p. 50.

▼C1

Artikolu 2

Għandu jkun ipprojbit:

(a) l-għoti, il-bejgħ, il-forniment jew it-trasferiment ta' assistenza teknika relatata ma' attivitajiet militari b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fi, jew għall-użu fil-Côte d'Ivoire;

(b) il-provvediment ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati ma' attivitajiet militari, inkluż b'mod partikolari għotjiet, self u assigurazzjoni tal-kreditu fuq l-esportazzjoni, għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' armi u materjal relatat, jew għal kwalunkwe għotja, bejgħ, forniment, jew trasferiment ta' assistenza teknika relatata u servizzi oħrajn, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fi, jew għall-użu fil-Côte d'Ivoire.

(ċ) il-parteċipazzjoni, konxjament u intenzjonalment, f'attivitajiet li l-objettiv jew l-effett tagħhom hu, b'mod dirett jew indirett, il-promozzjoni ta' l-operazzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b).

Artikolu 3

Għandu jkun ipprojbit:

(a) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, b'mod dirett jew indirett, ta' tagħmir li jista' jintuża għal ripressjoni interna kif elenkat fl-Anness I, kemm jekk joriġina fil-Komunità kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fi, jew għall-użu fil-Côte d'Ivoire;

(b) l-għoti, il-bejgħ, il-forniment jew it-trasferiment ta' assistenza teknika relatata mat-tagħmir imsemmi fil-punt (a), b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fi, jew għall-użu fil-Côte d'Ivoire;

(ċ) il-provvediment ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mat-tagħmir imsemmi fil-punt (a), b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fi, jew għall-użu fil-Côte d'Ivoire;

(d) il-parteċipazzjoni, konxjament u intenzjonalment, f'attivitajiet li l-objettiv jew l-effett tagħhom hu, b'mod dirett jew indirett, il-promozzjoni ta' l-operazzjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b) jew (c).

Artikolu 4

▼M3

1. B'deroga mill-Artikolu 2, il-projbizzjonijiet imsemmija fih ma għandhomx japplikaw għal:

(a) l-għoti ta' assistenza teknika, finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati ma' armamenti u materjal relatat, fejn tali assistenza jew servizzi jkunu maħsubin biss għall-appoġġ u użu fir-rigward tal-Operazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Côte-d'Ivoire (UNOCI) u l-forzi Franċiżi li jappoġġawa;

(b) l-għoti ta' assistenza teknika relatata ma' tagħmir militari mhux letali maħsub biss għall-użu umanitarju u protettiv, inkluż tali tagħmir maħsub għall-operazzjonijiet ta' mmaniġġar ta' kriżijiet mill-UE, in-NU, l-Unjoni Afrikana u l-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent (ECOWAS), fejn dawn l-attivitajiet ikunu ġew ukoll approvati minn qabel mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet;

▼M3

(c) l-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati ma' tagħmir militari mhux letali maħsub biss għall-użu umanitarju jew ta' protezzjoni, inkluż tali tagħmir maħsub għal operazzjonijiet ta' mmaniġġar ta' kriżijiet mill-UE, in-NU, l-Unjoni Afrikana u l-ECOWAS;

(d) l-għoti ta' assistenza teknika relatata ma' armamenti u materjal relatat maħsubin biss għall-appoġġ jew użu fil-proċess ta' ristrutturazzjoni tal-forzi ta' difiża u ta' sigurtà taħt is-subparagrafu (f) tal-paragrafu 3 tal-Ftehim Linas-Marcoussis, fejn tali attivitajiet ikunu ġew ukoll approvati minn qabel mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet;

(e) l-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatata ma' armamenti u materjal relatat maħsubin biss għall-appoġġ jew użu fil-proċess ta' ristrutturazzjoni tal-forzi ta' difiża u ta' sigurtà taħt is-subparagrafu (f) tal-paragrafu 3 tal-Ftehim Linas-Marcoussis;

(f) il-bejgħ jew provvisti trasferiti jew esportati temporanjament lejn il-Côte d'Ivoire lill-forzi ta' Stat li qed jieħu azzjoni, taħt il-liġi internazzjonali, unikament u direttament biex jiffaċilita l-evakwazzjoni tal-persuni bin-nazzjonalità tiegħu u ta' dawk li lejhom għandu responsabbiltà konsulari fil-Côte d'Ivoire, fejn dawn l-attivitajiet ikunu ġew ukoll approvati minn qabel mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet;

(g) l-għoti ta' assistenza teknika, finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati ma' tagħmir militari mhux letali maħsub biss biex jippermetti lill-forzi ta' sigurtà Ivorjani jużaw biss forza xierqa u proporzjonata waqt iż-żamma tal-ordni pubbliku.

▼C1

2. Awtorizzazzjonijiet għall-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1, inkluż fejn l-approvazzjoni minn, jew in-notifika lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet hija meħtieġa, għandhom jinkisbu permezz ta' l-awtorità kompetenti, kif elenkati fl-Anness II, ta' l-Istat Membru fejn il-fornitur tas-servizz huwa stabbilit jew ta' l-Istat Membru esportatur.

3. L-ebda awtorizzazzjoni ma għandha tingħata għal attivitajiet li jkunu diġà seħħew.

▼M3

Artikolu 4a

1. B'deroga mill-Artikolu 3, l-awtorità kompetenti, kif elenkata fl-Anness II, tal-Istat Membru fejn l-esportatur jew il-fornitur tas-servizzi huwa stabbilit tista' tawtorizza, taħt dawk il-kundizzjonijiet li hi tqis xierqa, il-bejgħ, il-fornitura, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' tagħmir mhux letali elenkat fl-Anness I jew l-għoti ta' assistenza teknika, finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati ma' tali tagħmir mhux letali, wara li tkun iddeterminat li t-tagħmir mhux letali kkonċernat huwa maħsub biss biex jippermetti lill-forzi ta' sigurtà Ivorjani jużaw biss forza xierqa u proporzjonata waqt iż-żamma tal-ordni pubbliku.

2. L-Istat Membru relevanti għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni dwar kull awtorizzazzjoni mogħtija taħt il-paragrafu 1.

3. L-ebda awtorizzazzjoni ma għandha tingħata għal attivitajiet li diġà seħħew.

▼C1

Artikolu 5

L-Artikoli 2 u 3 m'għandhomx japplikaw għall-ilbies protettiv, inklużi ġkieket tal-flak u elmi militari, esportati temporanjament lejn il-Côte d'Ivoire minn persunal tan-Nazzjonijiet Uniti, persunal ta' l-Unjoni Ewropea, il-Komunità jew l-Istati Membri tagħha, rappreżentanti tal-medja u ħaddiema umanitarji u dawk impjegati fl-iżvilupp u persunal assoċjat, għall-użu personali tagħhom biss.

Artikolu 6

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom minnufih jinformaw lil xulxin bil-miżuri meħuda taħt dan ir-Regolament u għandhom jagħtu lil xulxin kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom b'konnessjoni ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari informazzjoni fir-rigward ta' problemi ta' ksur u infurzar u sentenzi mogħtija minn qrati nazzjonali.

Artikolu 7

Il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa li temenda l-Anness II abbażi ta' l-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri.

Artikolu 8

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar sanzjonijiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Is-sanzjonijiet previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawk ir-regoli mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandhom jinnotifikawha dwar kwalunkwe emenda sussegwenti.

▼M3

Artikolu 9

Dan ir-Regolament għandu japplika:

(a) fit-territorju kollu tal-Unjoni, inkluż l-ispazju tal-ajru tagħha;

(b) abbord kwalunkwe inġenju tal-ajru jew kwalunkwe bastiment taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru;

(c) għal kwalunkwe persuna ġewwa jew barra t-territorju tal-Unjoni li tkun ċittadina ta' Stat Membru;

(d) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp li jkunu inkorporati jew kostitwiti taħt il-liġi ta' Stat Membru;

(e) għal kull persuna ġuridika, entità jew korp fir-rigward ta' kull negozju li jsir kompletament jew parzjalment fl-Unjoni.

▼C1

Artikolu 10

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼M3

ANNESS I

Lista ta' tagħmir li jista' jintuża għal ripressjoni interna kif imsemmi fl-Artikoli 3 u 4a

1. Armi tan-nar, munizzjon u aċċessorji relatati magħhom, kif ġej:

   1.1 Armi tan-nar mhux ikkontrollati mill-ML 1 u l-ML 2 tal-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea ([1]) ('Lista Militari Komuni tal-UE');

   1.2 Munizzjon speċjalment maħsub għall-armi tan-nar elenkati fil-punt 1.1 u komponenti mfassla apposta għalihom;

   1.3 Miri tal-armamenti mhux ikkontrollati mil-Lista Militari Komuni tal-UE.

2. Bombi u granati mhux ikkontrollati mil-Lista Militari Komuni tal-UE.

3. Vetturi kif ġej:

   3.1 Vetturi mgħammra b'kanun tal-ilma, imfassla jew immodifikati apposta għall-fini tal-kontroll tal-irvellijiet;

   3.2 Vetturi mfassla jew immodifikati apposta biex ikunu elettrifikati biex jimbuttaw lil persuni li jattakkawhom;

   3.3 Vetturi mfassla jew immodifikati apposta biex ineħħu barrikati, inkluż tagħmir ta' kostruzzjoni bi protezzjoni ballistika;

   3.4 Vetturi mfassla apposta għat-trasport jew it-trasferiment ta' priġunieri u/jew detenuti;

   3.5 Vetturi mfassla apposta għall-iskjerament tal-barrikati mobbli;

   3.6 Komponenti għall-vetturi speċifikati fil-punti 3.1 sa 3.5 mfassla apposta għall-fini tal-kontroll tal-irvellijiet.

   Nota 1 Dan il-punt ma jikkontrollax il-vetturi mfasslin apposta għall-finijiet ta' tifi tan-nar.

   Nota 2 Għall-finijiet tal-punt 3.5 it-terminu 'vetturi' jinkludi l-karrijiet.

4. Sustanzi splussivi u tagħmir relatat kif ġej:

   4.1 Tagħmir u apparat speċjalment maħsub biex iqabbad splużjonijiet b'mezzi elettriċi jew mhux elettriċi, inklużi settijiet tal-isparar, detonaturi, igniters, boosters u fil detonatur, u komponenti mfassla apposta għalihom; minbarra dawk imfassla apposta għal użu kummerċjali speċifiku li jikkonsistu fl-attwazzjoni jew l-operat b'mezzi esplożivi ta' tagħmir jew apparat ieħor li l-funzjoni tiegħu mhijiex il-ħolqien ta' splużjonijiet (pereżempju, in-neffieħa tal-air-bags tal-karozzi, apparat li jipprevjeni ż-żieda f'daqqa tal-elettriku ta' attivaturi ta' bexxiexa għat-tifi tan-nar);

   4.2 Kargi splussivi linear cutting mhux ikkontrollati mil-Lista Militari Komuni tal-UE;

   4.3 Splussivi oħrajn mhux ikkontrollati mil-Lista Militari Komuni tal-UE u sustanzi relatati kif ġej:

      a. amatol;

      b. nitrocellulose (li fiha aktar minn 12,5 % nitroġenu);

([1]) ĠU C 69, 18.3.2010, p. 19.

▼M3

c. nitroglycol;

d. pentaerythritol tetranitrate (PETN);

e. picryl chloride;

f. 2,4,6-trinitrutolwin (TNT).

5. Tagħmir protettiv mhux ikkontrollat mill-ML 13 tal-Lista Militari Komuni tal-UE kif ġej:

5.1 Korazzi tal-persuna li jipprovdu protezzjoni ballistika u/jew kontra ferimenti;

5.2 Elmi li jipprovdu protezzjoni ballistika u/jew mill-frammenti, elmi għal kontra l-irvellijiet, tarki għal kontra l-irvellijiet u tarki ballistiċi.

Nota: Dan il-punt ma jikkontrollax:

— *tagħmir imfassal apposta għal attivitajiet sportivi;*

— *tagħmir imfassal apposta għall-ħtiġijiet tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.*

6. Simulaturi, minbarra dawk ikkontrollati mill-ML 14 tal-Lista Militari Komuni tal-UE, għal taħriġ fl-użu ta' armi tan-nar, u softwer mfassal apposta għalihom.

7. Tagħmir ta' viżjoni għal bil-lejl, tal-ħolqien ta' immaġni termali u tubi tal-intensifikazzjoni tal-immaġni, minbarra dawk ikkontrollati mil-Lista Militari Komuni tal-UE.

8. Fildiferru mxewwek (barbed wire) li jaqta'.

9. Skieken militari, skieken tal-ġlied u bajunetti b'xafra itwal minn 10 cm.

10. Tagħmir ta' produzzjoni mfassal apposta għall-oġġetti speċifikati f'din il-lista.

11. Teknoloġija speċifika għall-iżvilupp, il-produzzjoni jew l-użu tal-oġġetti speċifikati f'din il-lista.

▼C1

ANNESS II

▼M3

Lista ta' awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikoli 4 u 4a

▼C1

BELĠJU

▼M1

SERVICE PUBLIC FÉDÉRAL, ÉCONOMIE, P.M.E., CLASSES MOYENNES & ENERGIE
POTENTIEL ÉCONOMIQUE
Direction Industries
Textile — Diamants et autres secteurs
City Atrium
Rue du Progrès 50
5e étage
B-1210 Bruxelles
Tél général: 0032(0) 2. 277.51.11
Feks: 0032 (0) 2.277.53.09 / 0032 (0) 2.277.53.10

FEDERALE OVERHEIDSDIENST ECONOMIE, K.M.O., MIDDENSTAND & ENERGIE
ECONOMISCH POTENTIEEL
Directie Nijverheid
Textiel — Diamant en andere sectoren
City Atrium
Vooruitgangstraat 50
5e verdieping
B-1210 Brussel
Algemeen tel: 0032(0) 2. 277.51.11
Fax: 0032 (0) 2.277.53.09 / 0032 (0) 2.277.53.10

▼M2

IL-BULGARIJA

Fir-rigward ta' l-iffriżar ta' fondi:

Министерство на финансите
ул. "Г.С. Раковски" № 102
София 1000
Тел: (359-2) 985 91
Факс: (359-2) 988 1207
E-mail: feedback@minfin.bg

Ministeru tal-Finanzi
102 Triq "G.S. Rakovsky"
Sofija 1000
Tel.: (359-2) 985 91
Fax: (359-2) 988 1207
E-mail: feedback@minfin.bg

Fir-rigward ta' assistenza teknika u restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet:

Междуведомствен съвет по въпросите на военнопромишления комплекс и мобилизационната готовност на страната
бул. "Дондуков" № 1
1594 София
тел. (359) 2 987 9145
Факс: (359) 2 988 0379

Kunsill Interdipartimentali dwar il-Kumpless Militari-Industrijali u l-Istat ta' Thejjija għal Mobilizzazzjoni tal-Pajjiż
1 Blvd. "Dondukov"
1594 Sofija
Tel.: (359) 2 987 9145
Fax: (359) 2 988 0379

▼C1

IR-REPUBBLIKA ĊEKA

Ministerstvo průmyslu a obchodu
Licenční správa
Na Františku 32
110 15 Praha 1
Tel. (420-2) 24 06 27 20
Tel. (420-2) 24 22 18 11

Ministerstvo zahraničních věcí
Odbor Společné zahraniční a bezpečnostní politiky EU
Loretánské nám. 5
118 00 Praha 1
Tel. (420) 2 2418 2987
Fax (420) 2 2418 4080

DANIMARKA

Erhvervs- og Byggestyrelsen
Langelinie Allé 17
DK-2100 København Ø
Tlf. (45) 35 46 62 81
Fax (45) 35 46 62 03

Udenrigsministeriet
Asiatisk Plads 2
DK-1448 København K
Tlf. (45) 33 92 00 00
Fax (45) 32 54 05 33

Justitsministeriet
Slotholmsgade 10
DK-1216 København K
Tlf. (45) 33 92 33 40
Fax (45) 33 93 35 10

IL-ĠERMANJA

Rigward l-għoti ta' finanzjament u assistenza finanzjarja:
Deutsche Bundesbank
Servicezentrum Finanzsanktionen
Postfach
D-80281 München
Tel.: (49) 89 28 89 38 00
Fax: (49) 89 35 01 63 38 00

Rigward assistenza teknika:
Bundesamt für Wirtschaft und Ausfuhrkontrolle (BAFA)
Frankfurter Strasse 29-35
D-65760 Eschborn
Tel: (49) 61 96 908-0
Fax: (49) 61 96 908-800

L-ESTONJA

Eesti Välisministeerium
Islandi väljak 1
15049 Tallinn
Tel: +372 6317 100
Fax: +372 6317 199

IL-GREĊJA

Ministry of Economy and Finance
General Directorate for Policy Planning and Management
Address Kornaroy Str., 105 63 Athens
Tel.: + 30 210 3286401-3
Fax.: + 30 210 3286404

▼C1

Υπουργείο Οικονομίας και Οικονομικών
Γενική Δ/νση Σχεδιασμού και Διαχείρισης Πολιτικής
Δ/νση: Κορνάρου 1, Τ.Κ. 101 80
Αθήνα — Ελλάς
Τηλ.: + 30 210 3286401-3
Φαξ: + 30 210 3286404

SPANJA

Secretaría General de Comercio Exterior
Paseo de la Castellana, 162
E-28046 Madrid
Tel. (34) 913 49 38 60
Fax (34) 914 57 28 63

FRANZA

Ministère de l'économie, des finances et de l'industrie
Direction générale des douanes et des droits indirects
Cellule embargo — Bureau E2
Tél.: (33) 1 44 74 48 93
Télécopie: (33) 1 44 74 48 97

Direction générale du Trésor et de la politique économique
Service des affaires multilatérales et du développement
Sous-direction Politique commerciale et investissements
Service Investissements et propriété intellectuelle
139, rue du Bercy
75572 Paris Cedex 12
Tél.: (33) 1 44 87 72 85
Télécopie: (33) 1 53 18 96 55

Ministère des affaires étrangères
Direction générale des affaires politiques et de sécurité
Direction des Nations Unies et des organisations internationales
Sous-direction des affaires politiques
Tél.: (33) 1 43 17 59 68
Télécopie (33) 1 43 17 46 91
Service de la politique étrangère et de sécurité commune
Tél.: (33) 1 43 17 45 16
Télécopie: (33) 1 43 17 45 84

L-IRLANDA

United Nations Section
Department of Foreign Affairs,
Iveagh House
79-80 Saint Stephen's Green
Dublin 2.
Telephone + 353 1 478 0822
Fax + 353 1 408 2165

Central Bank and Financial Services Authority of Ireland
Financial Markets Department
Dame Street
Dublin 2.
Telephone + 353 1 671 6666
Fax + 353 1 679 8882

L-ITALJA

Ministero degli Affari Esteri
Piazzale della Farnesina, 1-00194 Roma
D.G.A.S. — Ufficio I
Tel. (39) 06 3691 7334
Fax. (39) 06 3691 5446

▼C1

U.A.M.A.
Tel. (39) 06 3691 3605
Fax. (39) 06 3691 8815

ĊIPRU

Ministry of Commerce, Industry and Tourism
6 Andrea Araouzou
1421 Nicosia
Tel: +357 22 86 71 00
Fax: +357 22 31 60 71

Central Bank of Cyprus
80 Kennedy Avenue
1076 Nicosia
Tel: +357 22 71 41 00
Fax: +357 22 37 81 53

Central Bank of Cyprus
80 Kennedy Avenue
1076 Nicosia
Tel: +357 22 71 41 00
Fax: +357 22 37 81 53

IL-LATVJA

Latvijas Republikas Ārlietu ministrija
Brīvības iela 36
Rīga LV 1395
Tālr. nr.: (371) 7016 201
Fakss: (371) 7828 121

IL-LITWANJA

▼M1

Ministeru tal-Affarijiet Barranin
Dipartiment tal-Politika Soċjali
J.Tumo-Vaizganto 2
01511 Vilnius
Tel.: + 370 5 2362516
Feks: + 370 5 2313090

▼C1

IL-LUSSEMBURGU

Ministère de l'économie et du commerce extérieur
Office des licences
B.P. 113
L-2011 Luxembourg
Tél: (352) 478 23 70
Fax: (352) 46 61 38
mail: office.licences@mae.etat.lu

Ministère des affaires étrangères et de l'immigration
Direction des affaires politiques
5, rue Notre-Dame
L- 2240 Luxembourg
Tél: (352) 478 2421
Fax: (352) 22 19 89

L-UNGERIJA

Ministry of Economic Affairs and Transport — Hungarian Licencing and Administrative Office
Margit krt..85.
H-1024 Budapest
Hungary
Postbox: 1537 Pf.: 345
Tel.: +36-1-336-7300

▼C1

Gazdasági és Közlekedési Minisztérium — Engedélyezési és Közigazgatási Hivatal

Margit krt.85.

H-1024 Budapest

Magyarország

Postafiók: 1537 Pf.:345

Tel.: +36-1-336-7300

MALTA

Bord ta' Sorveljanza dwar is-Sanzjonijiet
Direttorat ta' l-Affarijiet Multilaterali
Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin
Palazzo Parisio
Triq il-Merkanti
Valletta CMR 02
Tel: +356 21 24 28 53
Fax: +356 21 25 15 20

L-OLANDA

▼M1

Ministru van Economische Zaken
Belastingdienst/Douane Noord
Postbus 40200
8004 DE Zwolle
Nederland
Telefon: (31-38) 467 25 41
Telefeksx: (31-38) 469 52 29

▼C1

L-AWSTRIJA

Bundesministerium für Wirtschaft und Arbeit
Abteilung C2/2 (Ausfuhrkontrolle)
Stubenring 1
A-1010 Wien
Tel (+43-1) 711 00-0
FAX (+43-1) 711 00-8386

IL-POLONJA

Awtorità ta' koordinazzjoni:

Ministry of Foreign Affairs
Department of Law and Treaties
Al. J. Ch. Szucha 23
00-580 Warsaw
Poland
Tel. (+48 22) 523 9427 or 9348
Fax. (+48 22) 523 8329

Awtoritajiet ta' kooperazzjoni:

Ministry of Defence
Department of Defence Policy
Al. Niepodległości 218
00-911 Warsaw
Poland
Tel. (+48 22) 687 49 17
Fax. (+48 22) 682 621 80

Ministry of Economy and Labour
Department of Export Control
Plac Trzech Krzyży 3/5
00-507 Warsaw
Poland
Tel. (+48 22) 693 51 71
Fax (+48 22) 693 40 33

▼C1

IL-PORTUGALL

Ministério dos Negócios Estrangeiros
Direcção-Geral dos Assuntos Multilaterais
Largo do Rilvas
P-1350-179 Lisboa
Tel.: (351) 21 394 60 72
Fax.: (351) 21 394 60 73

Ministério das Finanças
Direcção-Geral dos Assuntos Europeus e Relações Internacionais
Avenida Infante D. Henrique, n.º 1, C 2.º
P-1100 Lisboa
Tel.: (351) 21 882 32 32 40/47
Fax.: (351) 21 882 32 49

▼M2

IR-RUMANIJA

Ministerul Afacerilor Externe
Aleea Alexandru, nr. 31
Sector 1, Bucureşti
Tel.: (40) 21 319 2183
Fax: (40) 21 319 2226
E-mail: cabinet@mae.ro

Ministerul Finanţelor Publice
Strada Apolodor nr. 17,
Sector 5, Bucureşti
Tel.: (40) 21 319 9743
Fax: (40) 21 312 1630
E-mail: cabinet.ministru@mfinante.ro

Ministerul Economiei şi Comerţului
Calea Victoriei, nr. 152
Sector 1, Bucureşti
Tel.: (40) 21 231 02 62
Fax: (40) 21 312 05 13

▼C1

IS-SLOVENJA

Ministry of Foreign Affairs
Prešernova 25
SI-1000 Ljubljana
Tel: 00386 1 4782000
Fax: 00386 1 4782341

Ministry of the Economy
Kotnikova 5
SI-1000 Ljubljana
Tel: 00386 1 4783311
Fax: 00386 1 4331031

Ministry of Defence
Kardeljeva pl. 25
SI-1000 Ljubljana
Tel 00386 1 4712211
Fax: 00386 1 4318164

IS-SLOVAKKJA

Ministerstvo hospodárstva Slovenskej republiky
Mierová 19
827 15 Bratislava 212
Tel.: 00421/2/4854 1111
Fax: 00421/2/4333 7827

▼C1

Ministerstvo financií Slovenskej republiky
Štefanovičova 5
P. O. BOX 82
817 82 BRATISLAVA
Tel.: 00421/2/5958 1111
Fax: 00421/2/5249 8042

IL-FINLANDJA

Ulkoasiainministeriö/Utrikesministeriet
PL/PB 176
FIN-00161 Helsinki/Helsingfors
P./Tfn (358-9) 16 00 5
Faksi/Fax (358-9) 16 05 57 07
Puolustusministeriö/Försvarsministeriet
Eteläinen Makasiinikatu 8/Södra Magasinsgatan 8
FIN-00131 Helsinki/Helsingfors
PL/PB 31
P./Tfn (358-9) 16 08 81 28
Faksi/Fax (358-9) 16 08 81 11

L-ISVEZJA

Inspektionen för strategiska produkter (ISP)

Box 70 252
107 22 Stockholm
Tfn (46-8) 406 31 00
Fax (46-8) 20 31 00

IR-RENJU UNIT

Sanctions Licensing Unit
Export Control Organisation
Department of Trade and Industry
4 Abbey Orchard Street
London SW1P 2HT
Tel. (44) 20 7215 0594
Fax. (44) 20 7215 0593

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej
Direttorat-Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni
Direttorat PESK
Unità A.2: Kwistjonijiet legali u istituzzjonali għar-relazzjonijiet esterni — Sanzjonijiet
CHAR 12/163
B-1049 Brussell
Tel. (32-2) 296 25 56
Fax (32-2) 296 75 63